MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 497/2004

**Titan International Limited (C–1115)**

**vs**

**Office Power Co Ltd (C-18594)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Settembru 2004 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn tmien mija u tletin lira Maltin u sbatax-il centezmi (Lm2,830.17), bilanc ta' prezz ta' sistema ta' "air-conditioning" mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, inkluz il-prezz ta' twahhil u nstallazzjoni tal-istess sistema u dan kif jidher mir-rendikont hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

Bl-imghaxijiet mit-12 ta' Marzu 2003, data tal-ahhar fattura, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta nkluzi dawk tal-Mandat ta'

Qbid ipprezentat kontestwalment li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. In linea preliminari l-azzjoni attrici ddekadiet bil-preskrizzjoni stante d-dekorrenza tat-terminu preskrittiv ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

2. Subordinatament fil-meritu, l-pretenzjonijiet attrici huma palesement infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta’ attrici kienet u ghadha inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-ftehim pattwit konsegwenti ghas-sub-appalt konferit mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta billi naqset li tadempixxi l-obbligu taghha li twettaq ix-xoghol miftiehem fit-terminu stabbilit. Fl-ipotesi li s-socjeta’ attrici kienet wettqet l-obbligi kontrattwali taghha kienet tkun intitolata li thallas l-ahhar tranche dovut mal-esekuzzjoni tas-sub-appalt riferit b’mod definittiv u ghalhekk is-socjeta’ attrici ma tistax tippretendi li s-socjeta’ konvenuta tadempixxi l-obbligu taghha li thallas ghas-saldu una volta li s-socjeta’ attrici hija inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-obbligi taghha (pattum commissorium tacitum).

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta qieghda tpoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici bl-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili li jippreskrivi terminu ta’ tmintax-il xahar ghal azzjonijiet ta’ persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika, kemm ghax-xoghol taghhom, kif ukoll ghall-materjal li jfornu. Din il-preskrizzjoni tista’ tigi nterrotta jew b’xi att gudizzjarju jew inkella bir-rikonoxximent tad-dejn fejn dan ta’ l-ahhar jinkludi wkoll pagament.

Irrizulta mill-provi illi fil-15 t'Ottubru 2004 xahar wara li gie pprezentat dan l-avviz is-socjeta' konvenuta ghamlet pagament akkont, biex b'hekk l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm1641.45. Dan il-pagament jinterrompi l-preskrizzjoni u s-socjeta' konvenuta ma tistax iktar titlob beneficcji mit-terminu indikat minnha. (ara Emanuel Sammut vs Anthony Vella deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1995). Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u tghaddi biex tikkunsidra l-kawza fuq il-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-2003 is-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex tforni sistema ta' *'air-conditioning'* f'ufficini tal-klijenti ta' l-istess socjeta' konvenuta. Sar ftehim u l-apparat gie nstallat u bdew ukoll isiru l-pagamenti. Jidher illi f'xi hin kien hemm disgwid bejn iz-zewg partijiet peress illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tallega illi kien hemm xi partijiet mis-sistema ma kienux qieghdin jiffunzjonaw. Dana gie kontestat mis-socjeta' attrici u minkejja li saru diversi tentattivi sabiex tigi solvuta din il-vertenza l-partijiet baqghu ma ftiehmux.

Mark Vella *financial controller* tas-socjeta' attrici a fol 15 spjega kif sar il-ftehim bejn iz-zewg partijiet, kif gie nstallat l-apparat, kif ukoll il-pagamenti li kienu qeghdin isiru mis-socjeta' konvenuta, anke permezz ta' *post dated cheques* li eventwalment ma ssarfux. Ikkonferma l-pagament akkont tal-15 t'Ottubru 2004 biex il-bilanc gie ridott skond ma jidher fl-istess nota tal-31 ta' Mejju 2005. Spjega kif fil-mori tad-diskussjonijiet li kien hemm bejniethom id-direttur tas-socjeta' konvenuta Gunnar Pottag kien ikkostitwixxa ruhu debitur versu s-socjeta' attrici permezz ta' dikjarazzjoni li kien ghamel li tinsab esebita a fol 35 ta' l-atti, liema dikjarazzjoni tikkonferma l-bilanc kif originarjament kien gie mitlub fl-avviz. Pero' l-istess Gunnar Pottag a fol 26 u a fol 44 ikkonferma l-hlas li kien sar f'Ottubru 2004 kif ukoll l-ammont bilancjali ta' Lm1641.45. Huwa spjega li d-ditta tieghu kienet giet imqabbda minn terzi sabiex tforni sistema ta' arja kkundizzjonata u hu kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex

twettaq dan is-servizz. Dana fil-fatt twettaq pero' kien fih xi difetti u semma *indoor blower* illi qatt ma hadem. Minhabba dawn id-difetti l-klijenti tas-socjeta' konvenuta ma hallsuhiex u ghalhekk huwa haseb li se jaghmel l-istess haga mas-socjeta' attrici. Jidher illi l-fond fejn giet installata din is-sistema ta' l-'*air-conditioning*' tbiddel l-idejn diversi drabi u dana pogga diffikulta lis-socjeta' konvenuta sabiex tfittex il-possessur ta' l-'*air-conditioners'* u tithallas ghall-bilanc dovut. Skond l-istess Pottag huwa qed jipprova jaghmel l-istess haga mas-socjeta' attrici. La dina ma wettqitx l-obbligazzjonijiet taghha kollha, allura f'dan il-kaz huwa deherlu li kellu jzomm ammont bilancjali favur tieghu.
Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma jidhirliex illi d-direttur tas-socjeta' konvenuta jista' jirraguna b'dan il-mod. Jekk is-socjeta' konvenuta kellha xi tghid mal-klijenti taghha, dina messha agixxiet skond il-ligi kontra dawn il-klijenti sabiex tithallas ghas-servizz supplit, imma ma kellha l-ebda dritt tiehu l-apparat, jigi installat kif diregit minnha, mbaghad tallega difetti biex izzomm ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici. Il-Qorti kienet tippretendi illi s-socjeta' konvenuta tipprova b'mod aktar sodisfacenti d-dannu li hija tghid li sofriet minhabba nuqqas tas-socjeta' attrici.

Gunnar Pottag kien pjuttost neboluz fix-xhieda tieghu u ma kellux il-konfort ta' rapporti teknici ghal dak li kien qieghed jallega. Ghalhekk il-Qorti tippretendi li dikjarazzjonijiet generici ta' telf kawzat minn agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur li jzomm lura pagament ta' dejn. Jekk parti tkun naqset milli tesegwixxi sehemha mill-ftehim skond kriterji ta' *bonus pater familias*, allura l-parti l-ohra kellha diversi ghazliet quddiemha bhal talba ghat-twettiq tal-ftehim, rixessjoni tal-ftehim/kuntratt jew tfittix ghad-danni, izda zgur mhux decizzjoni arbitrarja li zzomm lura l-pagament (ara Joe Xuereb Holdings Company Limited vs Marlene Xuereb et Prim Awla 30 ta' Gunju 2005).

Minn naha l-ohra s-socjeta' attrici ppruvat li ghandha tiehu l-ammont bilancjali. Dana ghamlitu mhux biss bix-xhieda

tal-*financial controller*, izda wkoll bid-dokumenti esebiti fejn ic-cifra bilancjali giet ukoll ammessa mid-direttur tas-socjeta’ konvenuta. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi u timmerita konferma.
Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallasha l-ammont ta’ €3,823.55 (Lm1641.45) bilanc ta’ prezz ta’ sistema ta’ *“air-conditioning*” mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta, inkluz il-prezz ta’ twahhil u nstallazzjoni tal-istess sistema. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------